MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 413/2002/1

**HSBC Bank (Malta) Limited**

**vs**

**Price Club (Swatar) Limited u Priceclub Operators Limited**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-Bank attur fl-10 ta` April, 2002, li in forza taghha, wara li ppremettiet illi:

Il-Bank attur huwa kreditur tas-socjeta` konvenuta Price Club (Swatar) Limited f`somma Lm2,646,380.48 (Zewg Miljuni sitt mija u sitta u erbghin elf, tlett mija u tmenin Lira u tmienja u erbghin centezmu) liema ammont huwa dovut a tenur ta` kuntratt ta` kostituzzjoni ta` debitu fl-atti tan-Nutar Clyde La Rosa datat 8 ta` Awissu, 2001, kopja ta`

liema qed jigi anness u mmarkat Dok. *"A"* liema kuntratt gie rez titolu ezekuttiv in segwitu ta` ittra ufficcjali pprezentata fit-8 ta` Frar, 2002, li giet debitament notifikata (Dok. *"B"*);

Is-socjeta` Priceclub Operators Limited tikri minghand is-socjeta` Price Club (Swatar) Limited il-fond maghruf bl-isem *"Price Club"* mibni fuq plots li jgibu numri wiehed (1) sa tmienja (8) formanti parti mill-art maghrufa bhala Ta` Sqaq it-Torri, fil-limiti ta` Birkirkara, versu l-kera annwali ta` mitejn u ghaxart elef lira fis-sena (Lm210,000) fis-sena jew somma verjuri li tista` tirrisulta fit-trattazzjoni tal-kaz;

Is-socjeta` Priceclub Operators Limited waqfet topera u jirrizulta illi fis-6 ta` Marzu, 2002, l-azzjonisti tal-istess socjeta` ghaddew rizoluzzjoni straordinarja fejn qablu li l-istess socjeta` kellha tigi xjolta u titqieghed fi stralc taht is-supervizjoni tal-Qorti; fit-13 ta` Marzu, 2002 imbaghad Priceclub Operators Limited ipprezentat rikors il-Qorti fejn talbet illi titqieghed fi stralc bil-Qorti skond ir-rizoluzzjoni tal-azzjonisti.

Jirrizulta illi Priceclub Operators Limited ilha zmien ma thallas il-kera dovuta lis-sidien Price Club (Swatar) Limited;

Il-Bank attur ghandu dritt li jesercita l-jeddijiet jew l-azzjonijiet kollha tad-debitur tieghu biex jithallas dak li jkollu jiehu (Art 1143 tal-Kap. 16) u b`hekk ghandu dritt jesigi l-hlas tal-arretrati ta` kera dovuti mid-debitur tad-debitur tieghu akkont tal-ammonti dovuti lilu kif ukoll li jitlob ix-xjoljiment tal-lokazzjoni a bazi tal-artiklu 1570 tal-Kap. 16;

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi li s-socjeta` konvenuta Price Club (Swatar) Limited ghandha taghti lill-Bank attur somma ta` Lm2,646,380.48 (Zewg Miljuni sitt mija u sitta u erbghin elf, tlett mija u tmenin Lira u tmienja u erbghin centezmu) liema ammont huwa dovut skond kuntratt ta`

kostituzzjoni ta` debitu fl-atti tan-Nutar Clyde La Rosa tat-8 ta` Awissu, 2001.

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi Price Club Operators Limited hija morusa fil-hlas ta` kera dovuta lil Price Club (Swatar) Limited ghal dawk l-iskadenzi li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza u li ghandhom jigu determinati minn dina l-Qorti u dan a rigward il-lokazzjoni tal-fond *“Price Club”* mibni fuq plots li jgibu numri wiehed (1) sa tmienja (8) formanti parti mill-art maghrufa bhala Ta` Sqaq it-Torri, fil-limiti ta` Birkirkara;

3. Tillikwida l-kera attwalment dovuta minn Priceclub Operators Limited li Price Club (Swatar) Limited, inkluzi dawk l-iskadenzi kollha sad-data tas-sentenza eventwali;

4. Tiddikjara u tiddeciedi li l-Bank attur ghandu dritt li jesigi l-hlas tal-ammont hekk likwidat akkont tal-kreditu tieghu fil-konfront tal-istess Price Club (Swatar) Limited a tenur tal-artiklu 1143 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta).

5. Tikkundanna lil Priceclub Operators Limited sabiex thallas lill-Bank attur s-somma hekk likwidata rapprezentanti dawk l-arretrati ta` kera dovuti minnha lil Price Club (Swatar) Limited relattivament ghall-fond hawn fuq indikat jew fin-nuqqas ta` dan tikkundanna lill-istess Priceclub Operators Limited thallas l-istess somma hekk likwidata u dovuta minnha lil Price Club (Swatar) Limited taht kull provvediment opportun li jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi tal-kaz.

6. Tiddikjara u tiddeciedi illi in vista tal-morosita` fil-hlas ta` kera, n-non usu tal-fond hawn fuq indikat, oltre l-insolvenza ta` Priceclub Operators Limited u l-proceduri ta` stralc hawn fuq indikati, s-socjeta` Priceclub Operators Limited iddekadiet mill-obbligi lokatizji taghha u ghalhekk l-istess lokazzjoni tal-fond *“Price Club”* u l-pertinenzi kollha mibni fuq plots li jgibu numru wiehed (1) sa tmienja (8) formanti parti mill-art maghrufa bhala Ta` Sqaq it-Torri, fil-limiti ta` Birkirkara ghandu jigi xjolt u terminat.

7. Tipprefiggi terminu qasir u perentorju li fih l-istess Price Club Operators Limited ghandhom jizgombraw mill-fond *"Price Club"* u l-pertinenzi kollha mibnija fuq plots li jgibu numri wiehed (1) sa tmienja (8) formanti parti mill-art maghrufa bhala Ta` Sqaq it-Torri, fil-limiti ta` Birkirkara.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti in subizzjoni u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:

1. Il-Bank attur gia pproceda gudizzjarjament ghall-bejgh in subbasta tal-fond mertu ta` din il-kawza u dan a bazi tat-titolu ezekuttiv li gia jippretendi li ghandu; l-ewwel talba attrici hi zejda u il-konvenuti m`ghandhomx ibatu l-ispejjez taghha.

2. Fit-tieni lok, ghandu jigi premess illi l-kumpanija Price Club Operators Limited giet xolta b`risoluzzjoni tal-azzjonisti tal-istess socjeta`; barra minnhekk il-kredituri ta` dik is-socjeta kienu gia pprocedew ghall-istralc ta` dik il-kumpanija. Illi dawn il-proceduri, li jinsabu pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti, jipprekludu lill-kumpanija Price Club Operators Limited milli taghmel hlasijiet;

3. Id-decizjoni li ma tinhallx il-kirja vigenti kienet a beneficcju tas-socjetajiet involuti u dan kif ser jigi spjegat tul is-smiegh tal-kawza;

4. Bla pregudizzju ghas-suespost, il-Bank attur m`ghandux id-dritt li jitlob ix-xoljiment tal-kirja flimkien mal-hlas tal-kera;

5. Il-proceduri premessi fil-konfront tal-Kumpanija Price Club Operators Limited qieghdin fil-fazi tal-hatra ta` stralcarju u l-esponenti jissottomettu umilment li din l-Onorabbli Qorti ghandha taghti lill-likwidatur eventwali id-dritt li jipprezenta eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

6. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digriet ta` din il-Qorti tas-17 ta` Gunju, 2004, li in forza tieghu inhatret l-Assistant Gudizzjarju sabiex tisma l-provi kollha li jressqulha l-partijiet, u giet awtorizzata wkoll tircievi dokumenti li jigu esebiti quddiemha;

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda mismugha mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-bank attur;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Jirrizulta li l-kumpanija Price Club (Swatar) Limited b`kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Clyde La Rosa tat-8 ta` Awissu, 2001, ikkostitwit ruhha veru u likwidu debitrici versu l-bank attur fis-somma ta` Lm2,265,516.67 u fis-somma ta` Lm309,456, rizultat ta` zewg loans li kienet hadet is-socjeta` Price Club Holdings Ltd, oltre s-somom ta` Lm62,156.51 u Lm9,251.30 rapprezentanti imghax fuq il-loans sad-data tal-kuntratt. Dawn id-djun kienu jinsabu kawtelati b`ipoteki specjali registrati fuq immobbli. Peress li d-dejn baqa` ma thallasx, il-bank attur kien irrenda ezekkuttiv l-imsemmi kuntratt b`ittra ufficcjali tat-8 ta` Frar, 2002, li biha talab il-hlas lura tas-somma ta` Lm2,646,383.48; din l-ittra ufficcjali giet notifikata lis-socjeta` konvenuta Price Club (Swatar) Ltd fit-12 ta` Frar, 2002. In esekuzzjoni ta` dak it-titolu ezekuttiv, il-bank attur ipproceda ghal bejgh bis-subasta tal-proprjeta` ipotekata; il-proprjeta` li inbieghed bis-subasta giet akkwistata mill-bank attur wara offerti *animo*

*compensandi*. B`rizultat ta` dan, id-dejn favur il-bank attur tnaqqas, u sas-17 ta` Gunju, 2004, id-dejn ta` Price Club (Swatar) Limited, inkluzi imghaxijiet ulterjuri, kien ta` Lm1,105,630.94.

Is-socjeta` konvenuta l-ohra, Priceclub Operators Ltd, kienet tikri minghand is-socjeta` konvenuta Price Club (Swatar) Ltd, il-fond maghruf bl-isem *"Price Club"* mibni fuq plots li jgibu numri 1 sa 8 formanti parti mill-art maghrufa bhala *"Ta` Sqaq it-Torri"* fil-limiti ta` Birkirkara, versu l-kera annwali ta` Lm210.000. Jidher li, f`xi zmien, il-kumpanija Priceclub Operators waqfet thallas il-kera dovuta lil-Price Club (Swatar) Ltd, u l-bank attur, b`dawn il-procedura, istitwixxa l-*actio debitor debitoris mei* (maghrufa ukoll bhala l-*actio surrogatoria* jew l-*actio indirecta*), sabiex jitlob kundanna kontra Priceclub Operators Ltd, biex din thallas il-kera dovuta lil Price Club (Swatar) Ltd; il-hsieb hu li, wara dan l-ewwel pass, il-bank attur ikun jista` jithallas tal-kreditu li ghad ghandu fil-konfront ta` Price Club (Swatar) Ltd, mill-kera li din tircievi mis-socjeta` Priceclub Operators Ltd.

Il-Qorti tosserva, in via legali, li anke jekk l-attur jirnexxi fl-azjoni minnu intentata, ir-rimedju ma jkun qatt li l-Qorti tordna lill-Priceclub Operators Ltd tghaddi l-kera dovuta lill-bank attur. L-effett tal-azjoni indiretta hi li, f`kaz ta` ezitu favorevoli, id-debitur tad-debitur tal-bank kreditur jigi kkundannat ihallas id-dejn lill-kreditur tieghu (debitur tal-kreditur azjonandi), u wara li jsir dan il-hlas, kull kreditur tal-ewwel debitur (f`dan il-kaz Price Club (Swatar) Ltd) ikun jista` jressaq pretensjoni li jithallas minn dak ir-rikavat. L-azjoni indiretta hija azjoni li ssir *in nomine debitoris*, u minnha jgawdu l-kredituri kollha tal-ewwel debitur. Jekk tirnexxi l-azjoni, il-hlas li jaghmel it-tieni debitur lill-kreditur tieghu, jidhol fil-patrimonju ta` dak il-kreditur, issa debitur tal-kreditur azjonandi, u kull kreditur tieghu, privileggjat jew le, jkun jista` jesegwixxi l-kreditu tieghu fuq ir-rikavat. Dan ifisser li l-kreditur li jaghmel din l-azjoni ma jakkwista ebda privilegg bil-fatt li jkun hu li nieda l-azjoni, izda, jekk jakkwista rizultat pozittiv, ikun irid, wara, jikkompeti mal-kredituri l-ohra fuq l-assi hekk aumentati tad-debitur. Ghalhekk, f`kull kaz, l-ewwel parti

tal-hames talba (fejn l-attur qed jitlob li Priceclub Operators Ltd tkun ikkundannata thallas lilu l-kera dovuta), ma tista qatt tintlaqa` peress li tmur kontra l-effetti legali tal-istess azjoni istitwita mill-bank attur.

L-elementi ta` din l-azjoni kienu gew elenkati minn din il-Qorti fil-kawza <u>“Stephenson vs Sciberras Camilleri noe”</u>, deciza fit-30 ta` Mejju, 2002. Fiha intqal li biex l-azjoni tirnexxi, il-kreditur irid jipprova:

(a) li hu tassew kreditur tad-debitur;

(b) li l-kreditu tieghu huwa fattwali u mhux kondizzjonat jew potenzjali;

(c) li d-debitur ikollu jedd, ta` natura patrimonjali u miftuh ghalih, kontra d-debitur tieghu;

(d) li d-debitur tieghu naqas, kemm bi traskuragini jew ghalhiex ma jimpurtahx, li b`ghaqal mehtieg imexxi biex jiehu li haqqu minghand id-debitur tieghu;

(e) li, bin-nuqqas tal-agir f`waqtu tad-debitur tieghu, huwa qieghed igarrab pregjudizzju fil-jedd tieghu li xi darba jigbor il-hlas minghand l-istess debitur;

(f) f`kaz li d-debitur tad-debitur iressaq kontestazzjoni, irid jipprova wkoll il-kreditu tad-debitur tieghu li dan ghandu kontra t-terz debitur.

Kif intwera, jirrizulta li l-bank attur ghadu kreditur ta` Priceclub (Swatar) Ltd, u li dan il-kreditu huwa cert, likwidu u dovut. Min naha l-ohra, pero`, il-provi dwar l-allegat kreditu bejn Price Club (Swatar) Ltd u Priceclub Operators Ltd huma mankanti. Meta xehed Christopher Gauci, wiehed mid-diretturi tal-kumpaniji fil-Price Club Group, hu qal li l-kera kienet tithallas regolarment sa kemm il-kumpanija Price Club Operators giet mitfuha fi stralc. John Zarb, partner mad-ditta tal-awdituri Price Waterhouse Coopers, li ghamlet investigazzjonijiet fl-affarijiet finanzjarji tal-Price Club Group, fil-waqt li ikkonferma li l-kera kienet ta` Lm210,000 fis-sena, xehed

li l-kera kienet ghada ma thallsietx. Fl-accounts tal-kumpanija Price Club (Swatar) Ltd, il-kera hija indikata bhala *"receivable"*, u mhux bhala li attwalment giet mhallsa. Dan, pero`, jista` jkun peress li, kif spjega l-likwidatur tas-socjeta` Priceclub Operators Ltd, dawn il-kirjiet kellhom iservu biex jaghmlu tajjeb ghad-djun li Price Club Holdings kellha mal-bank attur, u l-kera kienet tithallas minn Priceclub Operators Ltd lil Price Club Holdings jew dirett lill-Bank. Din il-Qorti, f`dawn il-proceduri, mhux sejra tikkumenta fuq din l-allegazzjoni, pero`, jibqa l-fatt li l-bank attur ma ippruvax b`mod sodisfacenti jekk Priceclub Operators Ltd hijiex debitrici ta` Priceclub (Swatar) Ltd, u, izjed importanti, ma urietx kemm hu l-ammont ta` dan id-debitu, jekk jezisti.

Fuq kollox, anke kieku gie stabbilit l-ammont ta` kera dovut mid-debitur tad-debitur, xorta wahda l-proceduri tal-istralc pendenti fil-konfront tas-socjeta` Priceclub Operators Ltd kienu jkunu ta` ostakolu ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici. Il-Qorti ippermettiet il-prosegwiment tal-kawza fit-termini tal-artikolu 224(2) tal-Kap. 386 (l-Att dwar il-Kumpaniji) wara li qieset li hu fl-interess tal-kreditur li jikkanonizza l-kreditu tieghu, pero`, hlasijiet mis-socjeta` li ghaddejja proceduri ta` stralc jridu dejjem jigu ikkunsidrati fil-kuntest tad-distribuzzjoni tal-assi mil-likwidatur. Fil-fatt, fil-ktieb *"Company Law"* ta` <u>Mayson, French & Ryan</u> jinghad hekk a propositu (pagna 779):

*"In Re Purpoint Ltd [1991] BCLC 491, Vinelott rejected a submission that a director held liable for wrongful trading should pay all the company's creditors whose debts were incurred after he should have known that the company would go into insolvent liquidation. Money ordered to be paid under s. 214 goes into the general assets of the company for distribution among all creditors: <u>the court has no power to direct payment of the money to particular creditors</u>. The right measure of the director`s liability for wrongful trading in this case was the increase in the net liabilities of the company caused by the company continuing to trade after the director should have known that it would go into liquidation"* (sottolinear ta` din il-Qorti).

Dan donnu jirrikonoxih l-istess bank attur ghax fir-risposta li hu ressaq ghat-talba tal-likwidatur biex il-kawza tigi differita *sine die* pendenti l-ezitu tal-istralc, ammetta li: *"It-talba ghall-hlas fl-att tac-citazzjoni issir appositament biex jigi kanonizzat kreditur, izda eventwalment il-Bank jaf illi jekk jottjeni sentenza favorevoli huwa sar ikollu jidhol fil-proceduri ta` stralc u jikkonkorri u finalment jithallas biss skond ir-rikavat li jista jitqassam lill-massa tal-kredituri"*.

Ghalhekk, il-Qorti, f`dawn il-proceduri, mhiex f`posizzjoni tordna li jsir hlas mis-socjeta` Priceclub Operators Ltd lil xi kreditur taghha, u din id-decizjoni trid tkun limitata ghall-kononizazzjoni tal-kreditu tal-bank attur.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa` l-ewwel talba, tiddikjara li s-socjeta` konvenuta Price Club (Swatar) Limited ghandha taghti lill-Bank attur is-somma ta` Lm1,105,630.94 (miljun, mija u hames t`elef, sitt mija u tlettin lira Maltin u erba` u disghin centezmu), bl-imghax ulterjuri mis-17 ta` Gunju, 2004, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet l-ohra attrici, stante proceduri ta` stralc fil-konfront ta` Priceclub Operators Ltd.

L-ispejjez tal-kawza, fic-cirkustanzi, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------